**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 873/02 AJD**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Jesmond Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnax il-lira Maltin (Lm212.00), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru, 2001, tad-9 ta' Ottubru, 2001, tat-13 ta' Novembru, 2001, tal-14 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma dovuta mill-14 ta' Settembru, 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai, ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnax il-lira Maltin (Lm212.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**